Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Rikors Numru. 15/1997/1

**Rocco Borg personalment u ghan-nom ta' Adrian Borg, Carmen Borg, Raymond Borg, Ruben Borg u Catherine Fisher assenti minn dawn il-gzejjer, Lucian Borg, Pauline Spiteri, Rosalie Borg, Antoinette Bugeja, Paul Bugeja ghan-nom ta' Carmelo Borg assenti minn dawn il-gzejjer, Edward Borg u Doris Borg ghan-nom ta' bintha minuri Katya Borg u Paul Bugeja, li permezz ta' nota tal-10 ta' Lulju 2000, assuma l-atti tal-kawza minflok Rocco Borg, li miet fil-mori tal-kawza, u dan f'ismu proprju kif ukoll f'isem Adrian Borg,
Carmen Borg, Raymond Borg, Ruben Borg u Catherine Fisher, assenti minn dawn il-Gzejjer u Anna Catania u Sylvana ahwa Borg skond digriet moghti fis-27 ta' Ottubru,2000.**

**vs**

**Maria Camilleri, Giuseppa Camilleri, Paola Camilleri, Catherine D'Amato u Carmel Camilleri**

Ic-"Chariman" tal-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ippremettew ili huma bhala eredi ta' Catherine Borg kienu jikru lill-Carmelo Camilleri, bicca raba ta' 6 itmiem u razzett f'Wied Babu Street, Zurrieq, maghrufa bhala "tal-Gherrien", bil-qbiela ta' Lm13 fis-sena pagabbli b'lura kull 15 ta' Awissu, l-iskadenza li jmiss fil-15 ta' Awissu, 1997;

Illi l-inkwilin Carmelo Camilleri miet fl-14 ta' Settembru, 1996, u peress li dan kien guvni u l-udituri tieghu huma wkoll mejta, ma hemm hadd li, skond il-ligi, hu intitolat jissokkta fil-qbiela meta din taghlaq fil-15 ta' Awissu, 1997;

Illi l-intimati huma n-neputijiet tal-inkwilin li, pero', skond il-ligi ma ghandhom ebda dritt jissoktaw fil-qbiela in kwistjoni wara il-15 ta' Awissu, 1997;

L-esponenti talbu bir-rispett kollu illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom sabiex jirriprendu l-pussess battal tal-imsemmija ghalqa gewwa iz-Zurrieq, fi tmiem ir-rilokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intimati mill-imsemmija ghalqa.

Ra r-risposta tal-intimati (fol 5 ibid) u li biha esponew bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok ir-raguni li fuqha r-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom ghar-ripresa tal-ghalqa imsemmija fir-rikors fl-ismijiet premessi ma tidholx fil-mansjoni ta' dan il-Bord u ghalhekk dan il-Bord m'ghandux gurisdizzjoni biex jiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, u fi kwalsiasi kaz, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-

dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi, hawnhekk, ser jigu sintetizzati l-provi prodotti, in konnessjoni ma dak premess u mitlub fir-rikors in esami. Dawn il-provi huma s-segwenti:-

1) L-istess rikorrenti Rocco Borg (fol 13 et seq ibid) u li miet fil-mori tal-kawza (fol 87 u 94 ibid) kien spjega li l-ghalqa in kwistjoni kienet mikrija lil Carmelo Camilleri, guvni u minghajr tfal, li miet fl-14 ta' Settembru 1996 (ara fol 16 ibid). Wara li dan miet, l-istess rikorrenti kienu avzaw, b'dan, lin-neputijiet tieghu u kienu intimawhom sabiex ma jkomplux jahdmu l-istess ghalqa (ara fol 15 ibid).

Difatti, l-intimati huma n-neputijiet tal-istess Carmelo Camilleri. L-istess rikorrenti ikkonferma ukoll li kienet saret kawza ohra, precedenti ghal din in esami, sabiex l-istess Camilleri jigi zgumbrat mill-istess ghalqa, liema kawza, bazata fuq premessi differenti, kellha esitu negattiv vis-à-vis l-istess rikorrenti (ara fol 34 sa fol 35 ibid u fol 18 sa fol 19 ibid).

2) l-istess intimati Pawla Camilleri (fol 103 u 104 ibid) u Guzeppi D'Amato (fol 106 ibid). Pawla Camilleri xehdet li Carmelo Camilleri kien iz-ziju taghha u kien miet fl-eta' ta' 95 sena. L-istess qalu l-imsemmi Guzeppi D'Amato.

Illi, ghalhekk, jidher car u evidenti li l-intimat kienu n-neputijiet ossija kollaterali tal-ahhar persuna li okkupat l-ghalqa in kwistjoni b'titolu ta' qbiela minghand is-sidien, ir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi, fuq dan il-punt, ic-“Chairman” ta’ dan il-Bord kellu, di gja, l-opportunita’, li jarah u, jiddeciedi skond kif jidher mis-sentenza moghtija fil-25 ta’ Ottubru 2002 fl-ismijiet “Elsa armla ta’ Victor Camilleri et vs Joseph Briffa” (rikors numru 7B/98).

Illi, filfatt, jrid jigi decis jekk, l-intimati humiex “inkwilini protetti” skond l-artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi hawnhekk, il-kelma “kerrej” tinkludi “kull membru tal-familja li jkun cessjonarju … u wara l-mewt tal-kerrej meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f’ordni ta’ preferenza, kull membru tal-familja li jkun legatarju ……..” L-istess artikoli jiddefinixxi, ukoll, xi jfisser “membru tal-familja” u dan bhala “axxendent lineari, dixxendenti lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg” tal-kerrej.

Illi, mill-istess tifsira moghtija mill-ligi tal-kliem “membru tal-familja” jidher evidenti li dawk kollaterali fosthom neputijiet huma esklusi u b’hekk, ma jistghux jigu konsiderati bhala “inkwilini protetti” taht il-ligi “in materia”.

Ikkunsidra

Illi ma hemm ebda dubbju li dan il-Bord hu kompetenti “ratione materiae” sabiex jiddiciedi dan il-kaz. Dan jidher evidenti minn dak kollu li gie premess sa issa, f’din id-decisjoni. Jinghad ulterjorment, li l-istess rikors jirreferi ghal meta kienet qed issehh ir-rilokazzjoni korrenti tal-istess art meta miet l-ahhar inkwilin, Carmelo Camilleri.

Ikkunsidra

Illi jigi notat, li fit-2 ta’ April 2003, ingieb a konjizzjoni ta‘ dan il-Bord mir-Registru in-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess rikorrenti hawn anness. Sallum ma jirrizultax li giet presentata ir-risposta relattiva. Dan qed jinghad ukoll ghax l-imsemmija nota kienet giet presentata fis-27 ta’ Dicembru 2002 u notifikata fid-9 ta’ Jannar 2003.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, a basi ta' dak premess, in vista li rrisulta li l-intimati ma humiex protetti taht il-Kapitolu 199 tal-Ligijet ta' Malta, it-talbiet kif dedotti mill-istess rikors ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u:

1. jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess battal tal-ghalqa ossija bicca raba ta' sitt (6) itmiem u razzett f'Triq Wied Babu, iz-Zurrieq maghrufa bhala "tal-Gherrien";

2. Tordna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-istess ghalqa ossija bicca raba' sal-15 ta' Awissu 2003;

Bl-ispejjes ta' din il-procedura kontra l-intimati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------